**Minuti tat-363 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**l-Erbgħa, 2 ta' Diċembru, 2009**

Il-laqgħa bdiet fis-6.25 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John Pace, u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sur Frans Catania u s-Sinjura Anna Calleja.

Is-Sur Mark Grech kien skużat.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Is-Sur Buttigieg ippropona li ssir korrezzjoni fis-seba' paragrafu ta' paġna 42 u wara l-kliem 'l-bżonn li jitnaddaf il-*culvert*' jidħol il-kliem 'u jiġi rranġat il-*culvert*'. Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tas-Sur Buttigieg u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din il-korrezzjoni.

Is-Sur Catania ppropona li ssir korrezzjoni fis-sitt paragrafu tal-ewwel paġna 38 u wara l-kliem 'li jsir użu minn xi fondi li toffri l-MEPA' jidħol il-kliem 'fosthom l-iskema *Environment Initiatives in Partnership Programme* (EIPP). Is-Sinjura Calleja ssekondat il-proposta tas-Sur Catania u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din il-korrezzjoni.

Is-Sur Pace ppropona li ssir korrezzjoni fl-ewwel paragrafu ta' paġna 39 u minflok il-kliem 'Wirt Storiku' jidħol il-kliem 'Kultura u Wirt Storiku'. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Pace u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sinjura Calleja ppropóniet li ssir korrezzjoni fl-aħħar paragrafu ta' paġna 38 u wara l-kliem 'l quddiem jistgħu jsiru flimkien mas-Sotto Kumitat tas-Saħħa.' jizdied il-kliem 'U

dan għandu jsir ukoll mis-Sotto Kumitati l-oħra'. Is-Sur Catania ssekonda l-proposta tas-Sinjura Calleja u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Pace ppropona li ssir korrezzjoni fit-tieni paragrafu ta' paġna 41 u minflok 'issekondata mis-Sur Buhagiar' jidħol il-kliem 'issekondata mis-Sur Pace'. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Pace u l-Kunsill qabel unanimament.

Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-362 laqgħa kif emendati.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Buttigieg irringrazzja lill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta li kienet reġgħet għamlet l-arbli tad-dawl fi Triq Villabate. Is-Sur Buhagiar qal li f'din it-triq kien tħalla arblu perikoluż faċċata ta' fejn kien hemm il-ħanut Future Shop.

Is-Sur Buhagiar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li l-arblu tad-dawl li kien twaħħal fuq iċ-*central strip* fi Triq Villabate kien qed joħloq periklu għas-sewwieqa.

Is-Sur Bonnici staqsa jekk il-Kunsill kienx kiteb lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar jekk il-Kunsill setgħax jiddisponi mill-iskart separat kif jixtieq hu. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien ser jindaga aktar dwar dan u jżomm lill-Kunsill aġġornat bl-aħħar żviluppi.

Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati

Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat għall-Ambjent. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Inqraw il-minuti tas-Sotto Kumitat għall-Familja. Dawn il-minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar.

Item 5 – Korrispondenza

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Permanenti dwar Konferenza Nazzjonali bit-Tema 'Il-familja ... il-bieraħ, illum, għada' li ser issir nhar il-Ġimgħa u s-Sibt, 22 u 23 ta' Jannar 2010. Għal din il-konferenza jista' jattendi l-pubbliku inġenerali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Radju Hompesch dwar jekk il-Kunsill kienx se jwassal ix-xewqat tiegħu tal-Milied għal din is-sena bejn it-18 u il-25 ta' Diċembru, 2009 għal sebat ijiem għall-prezz ta' €30. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu jwassal ix-xewqat tiegħu tal-Milied. Is-Sur Catania ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Oliver Lautier fejn informa lill-Kunsill li d-Dipartiment tal-Parks ser jibda jfassal programm ta' manutenzjoni tas-sit ezistenti tal-masġar f'Ħaż-Żabbar, biex din iż-żona issir Park Nazzjonali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Membru Parlamentari Laburista l-Onorevoli Dr Michael Falzon dwar mistoqsija parlamentari li għamel dwar il-Park Nazzjonali f'Ħaż-Żabbar kif ukoll ir-risposta li ngħata mingħand l-Onorevoli s-Sur George Pullicino li dan il-park qed jiġi kkunsidrat għall-programm ta' xogħlijiet għat-tliet snin li ġejjin.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Gerhard Raiss fejn irringrazzja lill-Kunsill talli din is-sena ser jonorah biċ-Ċertifikat ta' Ħajr.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Ministeru għall-Politika Soċjali dwar in-nominazzjonijiet għall-Premju Nazzjonali Ħaddiem tas-Sena 2010 li ser jagħlqu fil-15 ta' Diċembru 2009.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Parlamentari l-Onorevoli Dr Chris Said fejn stieden lill-Kunsill għal-laqgħa fl-uffiċċju tiegħu f'Kastilja nhar l-Erbgħa, 9 ta' Diċembru, 2009 fis-2.00 ta' wara nofsinhar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li matul din il-laqgħa l-Kunsill iressaq dawn il-punti għad-diskussjoni:

- Il-ħtieġa ta' Day/Night Centre f'Ħaż-Żabbar
- Id-devoluzzjoni taċ-Ċentru Ċiviku
- Il-proġett ta' Park Reġjonali propost mill-Gvern Ċentrali
- Il-bżonn ta' restawr tal-Mina ta' Hompesch
- L-iskemi ta' fondi

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien ingħata €5,000 taħt l-iskema Events Initiative 2010 biex itella' attivita' kulturali bl-isem Lejla fil-Belt Hompesch: A Festival of Arts, History and Culture li ser issir f'Mejju tas-sena dieħla.

Is-Sur Buhagiar qal li biex tittella din l-attivita' irid ikun hemm pjan dettaljat u *budge*t biex ma jintefqux aktar flus milli smat. Is-Sindku talab lis-Sur Pace jipprepara programm dettaljat tal-attivita' li se ssir kif ukoll stima tal-ispejjeż kollha sabiex issir din l-attivita'.

Is-Sur Buhagiar talab li kull Kunsillier jirreġistra kull talba biex isiru jew jitneħħew *road humps* f'Ħaż-Żabbar biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi dwar kull talba li saret.

Fit-7.50 ta' filgħaxija s-Sur Pace talab li jkun skużat.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-ħtieġa li ssir *road hump* fil-bidu ta' Triq Wied il-Għajn.

Fit-8.00 ta' filgħaxija s-Sinjura Calleja talbet li tkun skużata.

Item 6 – Xogħol tal-Kunsill

Approvazzjoni ta' Finanzi

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn it-12 ta' Novembru, 2009 u t-3 ta' Diċembru, 2009 li kien jammonta għal €31,255.33. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Novembru 2009 li kien jammonta għal €102.09. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Dwar il-kiri ta' garaxx biex iservi ta' *store* għall-Kunsill, is-Sindku qal li din il-kirja kienet ser tiswa lill-Kunsill €412.30 għal kull sena li jinkera. Is-Sindku ppropona li f'dan il-garaxx jiġi trasferit dak kollu li hemm fl-*istores* tal-Kunsill u b'hekk l-*istores* ikunu jistgħu jiġu rranġati biex fihom isiru l-korsijiet tal-kompjuter u attivitajiet simili oħra. Is-Sur Buhagiar issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Approvazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma 2009 - 2012

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-Pjan tal-Ħidma għas-snin 2009 - 2012. Dan il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt ta' manutenzjoni ta' bankini u toroq kien ser jiskadi u billi dan il-kuntratt ma jistax jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Pace, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ din is-sejħa.

Is-Sindku staqsa dwar il-kuntratt għat-tindif u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kif kien ġie deċiż mill-Kunsill kienet ħarġet sejħa għall-offerti li kienet tagħlaq nhar l-Erbgħa, 23 ta' Diċembru, 2009.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar l-unika stima li ġiet sottomessa għall-korsijiet tal-kompjuter fil-bini tal-Kunsill. L-offerta kienet mingħand il-kumpanija *TCTC*.
Is-Sindku ppropona li qabel tittieħed deċiżjoni tinkiteb ittra lill-kumpanija *TCTC* fejn il-Kunsill jitlob konferma bil-miktub mingħand din il-kumpanija li l-Kunsill ma jkollu jħallas l-ebda kumpens għall-ebda pubbliċita' għal dawn il-korsijiet anke jekk ma jkunx hemm konkorrenza u l-korsijiet ma jsirux.

Is-Sur Buhagiar informa lill-Kunsill li hu kien tkellem mal-*manageress* tal-*HSBC* dwar il-possibilita' li tingħata għajnuna lill-istudenti bi problemi soċjali.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-*increment* tal-Assistent Amministrattiv Isabella Testaferrata de Noto li fil-21 ta' Jannar, 2010 tagħlaq it-tieni sena ta' impjieg tagħha mal-Kunsill u tas-Sinjorina Stephanie Testaferrata de Noto li fit-22 ta' Jannar, 2010 ser tagħlaq l-ewwel sena tagħha bħala Assistent Amministrattiv. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Catania, il-Kunsill qabel unanimament li jingħata l-*increment* lill-impjegati.

Item 7 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Catania nforma lill-Kunsill li l-kuntratt biex isir xogħol ta' *resurfacing* fi Triq tal-Labour kien ingħata lill-Kuntrattur Bonnici Brothers. Il-Gvern kien se jagħmel ukoll xogħol ta' *resurfacing* ukoll Triq l-Għarix, Triq is-Silla, Triq in-Newl u Triq Kunsill tal-Ewropa.

Fit-8.10 ta' filgħaxija is-Sur Pisani talab li jkun skużat.

Is-Sur Buhagiar qal li Triq Felice ma' Triq il-Ħawt kien qed iżomm l-ilma u talab li din il-problema tiġi solvuta qabel ma jsir ħsara fi triq.

Is-Sur Buhagiar ppropona li l-Kunsill jipprovdi trasport għall-parteċipanti li se jieħdu sehem fil-mixja '*The President's charity fun run*' li ser issir nhar il-Ħadd, 6 ta' Diċembru, 2009. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Buhagiar u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li l-*bus shelters* li jinsabu fi stat ħażin jiġu rranġati.

Is-Sur Bonnici qal ukoll li l-vetturi tat-tip *Skoda* għada mitluqa fi Triq il-Ġiżimina. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li dwar din il-vettura kien sar rapport fl-għassa tal-pulizija.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li jinbidlu numru ta' bozoz maqtugħa li hemm fi Triq is-Santwarju.

Is-Sur Bonnici semma l-ħtieġa li jitħaddmu l-CCTV li hemm fil-*playing fie*ld tal-*Housing Estate*.

Is-Sindku talab li jiġi rranġat il-ġebel u tiżdied filata mar-*roundabout* li hemm fi Triq ix-Xgħajra ma' Triq San Leonardu.
Is-Sindku semma wkoll il-bżonn li jiġu rranġati l-aċċessorji tad-dawl li hemm f'Misraħ Medjatriċi kif ukoll li hemm fil-pjazez tal-Misraħ.

Is-Sur Catania semma l-bżonn li l-kumpanija ELC tħawwel pjanti fil-*pots* vojta li hemm fil-Misraħ.

Is-Sur Buttigieg talab li tiġi rranġata l-bankina li hemm fi Triq Wied il-Għajn minn ħdejn il-*Crazy Horse Bar* sa Triq ix-Xgħajra.

Is-Sur Buttigieg qal li Triq G Agius Muscat kienet tlestiet mir-*resurfacing* u talab li tiġi rranġata bl-injam il-kaxxa tat-telefon li hemm fil-bidu ta' din it-triq.

Is-Sur Buttigieg talab li tiġi rranġata l-bankina quddiem ir-residenza numru 90 'Dolores' Triq Mina ta' Hompesch.

Is-Sur Buttigieg semma l-ħtieġa li jsir *patching* fi Triq il-Ġnien.

Is-Sur Buttigieg semma l-ħtieġa li tinkines aktar spiss Triq Spadaro u lmenta li fi Triq il-Marloċċ il-boroz kienu qed jitħallu għal jiem twal biex jinġabru mill-kenniesa.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx se jidħol fil-*Public Private Partnership* dwar it-toroq. Is-Segretaru Eżekuttiv qal li l-Kunsill interessat f'din l-iskema u qed jistenna li jingħata aktar informazzjoni dwarha.

Is-Sur Buttigieg semma l-bżonn li jiġi rranġat il-*bus shelter* li hemm fil-venda.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-364 laqgħa li saret nhar l-Erbgħa, 14 ta' Jannar, 2009.

Domenic Agius
Sindku